**30 ta' Mejju, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Kaptan William Wirth et.

*versus*

Audrey Graham ne. et.

**Azzjoni Revokatorja — Bejgħ tal-Istess Oġġett lil Persuni Diversi — Bwona Fede.**

*Il-pussess ta' ħaġa mobili mixtrija jeżisti fix-xerrej bis-saħħa tat-tradizzjoni li ssirlu malli jsir ftehim dwar il-bejgħ, avvolja l-oġġett mixtri jibqa' fil-poter tal-venditur li jibqa' iżommu f'isem ix-xerrej. Kwindi meta x-xerrej jeżerċita l-azzjoni rivendikatorja biex jirreklama dak l-oġġett, ma jistgħax jiġi milqugħ bl-eċċezzjoni li hu ma jistgħax jinvoka l-protezzjoni tal-liġi għax ma għandux pussess tal-oġġett minnu reklamat.*

*Barra minn dan, il-pussess fl-attur mhux element indispensabbli għall-eżerċizzju tal-azzjoni rivendikatorja.*

*Bejgħ ta' oġġett lil persuna meta l-istess oġġett kien ġa mibjugħ lil persuna oħra ma jimmeritax il-protezzjoni tal-liġi, u huwa null, jekk il-klient akkwirent ma kienx in bwona fede. Ma hemmx bżonn li huwa jkun in mala fede, imma hu b'ż-*

*żejjed li ma jkunx in bwona fede; u ma jkunx in bwona fede anki jekk mic-cirkustanzi tal-każ kellu jiġieh suspett jew dubju dwar jekk l-oġġett setgħax jiġi mibjugħ lilu billi kien ġa nbiegħ lil ħadd ieħor; għax dan hu biżżejjed biex jiskwoti l-bwona fede tiegħu.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, wara li ppremettew illi, in segwitu għall-avviż publikat fit-"Times of Malta, huma xtraw minn għand il-konvenuti sett tal-kamra tal-pranzu, konsistenti f'sideboard, carving table, telescopic dining table, u sitt siġġijiet, li kienu jinsabu f'Narob House, Wilġa Street, Dragunara, Paceville bil-prezz ta' £70, oltre monk-chest bil-prezz ta' £5, b'kollox £75, b'dan illi l-konsenja kellha ssir fl-aħħar tax-xahar ta' Ġunju tas-sena korrenti; u illi, *non ostante* li sar ftehim definittiv fuq l-oġġetti u l-prezz, u l-vendita ġiet konkjuża. il-konvenuti qegħdin jippretendu illi l-bejgħ tas-sett tal-kamra tal-pranzu ma kienx definittiv u ma seħħx, u inoltre jippretendu li ma għandhiex issir il-konsenja, għaliex il-konvenut Graham jgħid li wiegħed is-sett tal-kamra tal-pranzu lil ħadd ieħor; talbu li jiġi dikjarat u deċiż minn din il-Qorti illi l-bejgħ tal-imsemmi sett tal-kamra tal-pranzu kien definittiv bil-kondizzjonijiet fuq indikati, u konsegwentement jiġu kundannati jikkonsenjawh lill-atturi skond il-ftehim. Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat tal-qbid tat-13 ta' Ġunju 1958, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-perit, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, issottometta illi l-atturi xtraw is-sett tal-mejda u l-"carving table"; illi l-konvenuti għamlulhom il-konsenja fis-sens li baqgħu, skond il-liġi (art. 1431 Kod. Ċiv.), iżommu s-sett għalihom sakemm isiefru, skond kif ftehmet il-konvenuta Graham, li kellha pjena fakoltà li tiftiehem; illi l-imsejjaħ fil-kawża xtara wara, u, billi ma kellux il-pussess, ma għandux it-titolu li trid il-liġi biex ma tkunx tista' tiġi eżerċitata l-azzjoni rivendikatorja; u illi għalhekk id-domanda tal-atturi għandha tiġi akkolta;

Illi l-konvenuti, fin-nota tagħhom fol. 139, irreiteraw l-eċċezzjoni ġa qabel mogħtija, li ċjoè mhux bejgħ kien hemm, iżda sempliċi trattattivi li ma ġewx konkjużi, u li rigward il-"carving table" ma kien hemm qatt trattattivi ta' bejgħ;

Illi l-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa l-provi prodotti u ċ-ċirkustanzi tal-każ, taqbel mal-perit legali, u hija tal-fehma illi l-bejgħ sar u kien konklużiv;

Illi, kwantu għall-"carving table", il-konvenuti ssottomettew illi, peress li kienu ddeċidew (kif kellhom il-fakoltà mill-mandanti tagħhom) li jżommu dak il-mobbli għalihom, minn dak il-ħin huwa sar proprjetà tagħhom, u l-konvenuta weħedha, mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' żewġha, ma setgħetx tbiegħ dak il-mobbli; u għalhekk ġiet eċċepita n-nullità ta' dak il-bejgħ;

Illi, apparti li l-"carving table", bħal l-oġġetti l-oħra, kienet inkluża fl-inventarju bil-prezz tal-istima, u għalhekk hija kienet ukoll għall-bejgħ, għandu jiġi rilevat (1) illi l-konvenuta, bħala waħda mill-mandatarji ta' ommha, kienet tista' teżegwixxi l-mandat u tbiegħ indipendentement mill-mandatarju l-ieħor, żewġha (art. 1979(1) Kod. Ċiv.); (2) illi hija, bħala mara miżżewġa, kienet aċċettat l-inkarigu ta' ommha bil-kunsens (jekk qatt kellha bżonnu bħala domiċiljata l-Ingilterra) tar-raġel tagħha, kif kellha tagħmel skond l-art. 1971(2) tal-istess Kodiċi; u l-konvenut, fix-xhieda tiegħu fol. 14, kellu jistqarr:— "My wife had full authority to effect sales"; (3) illi dan il-kunsens tal-konvenut mhux limitat, iżda jikkomprendi l-bejgħ tal-oġġetti kollha, mhux eskluża l-"carving table"; u fi kwalunkwe każ, l-atturi ma ġewx infurmati bl-ebda limitazzjoni fil-poteri tal-konvenuta;

Illi lanqas hu sostenibbli dak li jippretendu l-konvenuti, li ċjoè l-atturi ma jistgħux jinvokaw il-protezzjoni tal-liġi, billi ma għandhomx il-pussess tal-mobbli in kwistjoni. Difatti, apparti li dan il-pussess kien jeżisti bis-saħħa tat-tradizzjoni kontemplata fl-art. 1431 fuq ċitat, il-pussess tal-attur mhux element indispensabbli għall-eżerċizzju tal-

azzjoni rivendikatorja, bħal ma hija dik odjerna. "Non rileva", josserva Pacifici Mazzoni, "che il proprietario abbia *o no posseduto. Così, l'erede può rivendicare i beni* ereditati, purchè abbia accettato l'eredità; ed il compratore può rivendicare la cosa comprata avanti la tradizione, acquistandone la proprietà per virtù del solo consenso (art. 1125 e 1148), e può rivendicarla non solo contro il venditore, ma eziandio contro qualunque terzo che la possegga" (Istituzioni di Diritto Civile, Vol. III, § 133; u Beni, § 98);

Illi l-imsejjaħ fil-kawża, fin-nota tiegħu fol. 143, issottometta illi l-bejgħ, jekk sar, huwa null, billi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat bi żball ta' dritt, għaliex hija kienet tifhem, skond ma xehdet (fol. 19), illi l-oġġett mhux mibjugħ sakemm ma jkunx imħallas; għal liema eċċezzjoni assoċjaw ruħhom anki l-konvenuti (fol. 145). Iżda din ilfehma tal-konvenuta mhix sostnuta mill-provi; difatti rriżulta illi fuq l-inventarju tal-mobbli hija kitbet "Sold. Captain Wirth", għad li ebda ħlas ma kien sar mill-atturi. Di pjù, hija ammettiet illi l-"monk's bench" kien ġie lilhom effettivament mibjugħ (fol. 18); eppure sal-lum il-prezz tiegħu l-atturi għadhom ma ħallsuħx;

Illi fl-imsemmija nota l-imsejjaħ fil-kawża jinvoka favur tiegħu l-bwona fede fix-xiri in kwistjoni, mentri l-atturi jinsistu li hu kien in mala fede, billi kien jaf li l-mobbli kienu ġa mibjugħa lilhom, u kwindi ma hux protett mill-art. 595(1) tal-Kodiċi Ċivili. F'dan ir-rigward, il-Qorti tħoss illi l-imsejjaħ fil-kawża kien jaf b'dak li sar bejn l-atturi u l-konvenuti; u, jekk mhux ħaġ'oħra, kellu minħabba ċ-ċirkustanzi *jiġieħ suspett jew dubju dwar* jekk il-bejgħ kienx jista' jsir lilu; u dan kien biżżejjed biex jiskwoti fih il-bwona fede. Di pjù, biex tiġi eskluża l-applikazzjoni tal-art. 595 fuq ċitat, mhux meħtieġ illi t-terzi jkunu in mala fede, iżda biżżejjed li ma jkunux terzi ta' bwona fede. Il-Kassazzjoni ta' Ruma, fil-kawża "Casalini vs. Ripamonti", deċiża fis-6 ta' Ġunju 1903, marret tosserva illi "l'art. 701 (korrispondenti għall-art. 595 fuq imsemmi), inteso a dovere, non esige che si provi lo stato di mala fede, bastando l'assenza della buona fede, come spiega la

dottrina . . . . . non è necessario che il terzo acquirente abbia commesso frode o disonestà; solo che egli non ignori i vizi del possesso del proprio autore, si verifica l'assenza della buona fede, che è qualche cosa di diverso dalla mala fede, ed è sufficiente a legittimare la rivendicazione" (Foro Italiano, 1903, I, paġ. 778, col. 2a. med.). Konsegwentement, l-imsejjaħ fil-kawża lanqas huwa ntitolat għall-protezzjoni tal-art. 1040 Kod. Ċiv.;

Għal dawn il-motivi;

Prevja adozzjoni tal-perizja ġudizzjarja fis-sens ta' dawn il-konsiderandi;

Tirrespinġi l-eċċezzjonijiet opposti mill-konvenuti u mill-imsejjaħ fil-kawża:

U konsegwentement tilqa' t-talbiet tal-atturi, u għall-finijiet tat-tieni talba tipprefiġġi lill-konvenuti, kif fuq rappreżentati, tmien tijiem żmien għall-konsenja tal-oġġetti lill-atturi;

L-ispejjeż, fil-konfront tal-atturi, jitħallsu mill-konvenuti u fir-rapport bejn dawn u l-imsejjaħ fil-kawża jibqgħu mingħajr taxxa; iżda d-dritt tar-Reġistru għandu jitħallas mill-konvenuti.